MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru 4836/86

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charles Grima**

**Illum 30 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Charles Grima ta' 18 Skerla Street, Sannat Ghawdex fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, llum mgharuf bhala Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xoghol :

Talli ghamilt xoghol ta' bini fi Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, meta l-applikazzjoni tieghek ghal-permess tal-

bini kien gie rifjutat. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita tapplika ukoll l-Artikolu 17 Subartikoli (1) (3) u (7) u l-Artikolu 18 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija dwar allegat bini bla permess li jirrisali ghall-1988 u b’hekk taht id-disposizzjonijiet tal-ligi kif vigenti dak iz-zmien, jigifieri l-Kodici tal-Pulizija rigwardanti kostruzzjoni ta’ bini. Din il-kawza inbdiet tinstemgha fl-1988 mill-Qorti diversament preseduta u tkompliet minn din il-Qorti tul dawn is-snin bid-diversi ostakoli li pprezentaw ruhhom fosthom differimenti sabiex l-imputat jittenta jirregola u jissana l-bini mertu tal-kawza kif ukoll differimenti minhabba mard tal-imputat tant li l-prosekuzzjoni kienet diversi drabi ordnata jgib lill-imputat b’arrest bl-assistenza tas-servizzi ta’ tobba u ambulanza. Il-provi ghalhekk ingabbru fir-residenza tal-imputat minn perit tekniku nominat mill-Qorti;

Illi jemergi mill-provi illi l-imputat kien applika mad-Dipartiment tax-Xogholijiet li dakinhar kien inkarigat mill-hrug tal-permessi tal-bini fis 26 ta’ Dicembru 1986 sabiex jibni garage ghall-uzu privat. B’risposta tal-20 t’Awissu 1987 l-istess dipartiment cahad it-talba stante li l-area ma taqax fi hdan skema tal-bini. Minkejja talbiet ghall-rikonsiderazzjoni, l-ezitu kien dejjem wiehed ta’ rifjut. L-imputat inghata permezz fl-24 ta’ Novembru 1988 sabiex jibni kamra ghall-ghodda agrikola u minkejja r-rifjut huwa xorta wahda bena garage kif jidher fir-ritratt u pjanti esebiti;

Illi mix-xhieda migbura mill-perit tekniku, dan il-garage inbena fil-proprjeta’ tal-imputat u inbena bla permess;

L-imputat xehed illi l-garage in kwistjoni bieghu madwar ghaxar snin ilu b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pisani. Fl-istess deposizzjoni jammetti li kien hu li bena l-garage;

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, l-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi u b'hekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu

Rat l-artikoli 16 u 17 u 18 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta kif salvati permezz tal-artikolu 63 (1) tal-Att  I tal-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt euro (€100) ;

Tordna lill-imputat inehhi l-bini li sar bla permess, jigifieri l-garage deskritt f'dawn l-atti u jregga lura s-sit ghal dak li kien qabel l-istess zvilupp u  taht id-direzzjonijiet li tista' timponi l-MEPA u dan fuq penali ta' mitt euro (€100.00) kull jum ghal kull jum ta' nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------